MALTA

**QORTI ĊIVILI**

**PRIM' AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**LAWRENCE MINTOFF**

**Illum it-3 ta' Novembru, 2015**

Rikors Numru: 957/15LM

Fl-atti tar-Rikors Ġuramentat Nru 254/2015(LM)

**General Workers Union**

**vs.**

1. **Malta Public Transport Services (Operations) Limited**
2. **Union Ħaddiema Maqgħudin**
3. **Ir-Reġistratur tat-Trade Unions**

U wara l-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 247/2015EG fl-istess ismijiet

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat fid-9 ta' Ottubru, 2015 mill-**Union Ħaddiema Maqgħudin** (minn issa 'il quddiem "il-UĦM") li bih għar-raġunijiet imfissra talbet li din il-Qorti:

*Illi permezz ta' rikors tat-13 ta' Frar, 2015, l-imsemmija General Workers Union (GWU) talbet u ottjeniet il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Nru 247/15EG fil-konfront tal-Union esponenta u magħha s-soċjetà Malta Public Transport Services (Operators) Limited (MPTSOL) u r-Reġistratur tat-Trade Unions.*

*Illi riżultat ta' tali digriet tal-4 ta' Marzu, 2015, l-hemmhekk u hawnhekk intimati inżammu milli:*

> *"Jibdew eżerċizzju ta' verifika ta' records ta' sħubija trejdunjonistika ta' ħaddiema in segwitu ta' deċiżjoni u digriet mogħtija mit-Tribunal Industrijali nhar il-11 ta' Frar, 2015, jew xi forma ta' verifika oħra, stante illi tali proċedura hija leżiva għad-drittijiet tal-union rikorrenti u tippreġudikaha* (recte) *irrimedjabbilment, u inoltre,*
>
> *Iżomm lis-soċjetà intimata Malta Public Transport Services (Operations) Limited milli tagħti rikonoxximent trejdunjonistiku sħiħ jew parzjali lill-Union Ħaddiema Magħqudin".*

*Illi l-Union esponenta qegħda, għar-raġunijiet li ser jiġu hawnhekk elenkati, tissottometti illi l-Mandat ta' Inibizzjoni msemmi għandu jiġi revokat, kollu jew parti minnu, ai termini tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*A bażi tal-Artikolu 836(1)(f) – Mandat jista' jiġi revokat, in toto jew in parte, jekk jintwera illi fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġjonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhux aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.*

*Ċirkostanzi li jsawwru l-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni 247/15EG:*

a. *Paċifiku jingħad inoltre, kif anki espress fid-digriet stess ("in segwitu ta' deċiżjoni u digriet mogħtija mit-Tribunal Industrijali nhar il-11 ta' Frar, 2015") – illi l-bidu tal-proċeduri kollha, inkluż dawk pendenti u inkluż il-Mandat de quo, skattaw riżultat tal-proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali Nru. 3294/FM.*

b. *Illi l-ilment prinċipali tal-GWU rigwardanti dawn il-proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali kien li hija ma kinitx parti minn dawk il-proċeduri fejn ġie deċiż illi "d-drivers jiffurmaw a separate bargaining unit u għaldaqstant għandhom dritt illi jkunu hekk rikonoxxuti." – u din l-Onorabbli Qorti fid-dawl ta' dawn il-proċeduri dehrilha li prima facie il-GWU kellha raġun, u kwindi inibiet, kif fuq imsemmi, milli ssir verifika u inibiet lis-soċjetà MTPSOL milli tagħti rikonoxximent, sħiħ jew parzjali, lill-UĦM.*

c. *Illi dik it-tilwima mressqa quddiem it-Tribunal Industrijali skattat peress illi l-Union esponenti kienet qed tikkontendi illi hija kellha l-maġġoranza tax-xufiera tas-soċjetà intimata u kwindi kienet qed titlob ir-rikonoxximent ewlieni tagħhom, ad esklużjoni tal-ħaddiema l-oħra tal-istess soċjetà intimata MPTSOL.*

- *Ċirkostanzi llum:*

*Illum, iċ-ċirkostanzi varjaw u, a benefiċċju tal-Qorti, qed jingħad illi:*

a. *Illum il-UĦM qed tikkontendi li hija għandha tingħata għarfien ewlieni tal-ħaddiema kollha tal-MPTSOL u mhux tax-xufiera biss, u dan peress illi llum jirriżulta (dok anness) illi l-UĦM għandha 755 membru mill-ħaddiema kollha tal-MPTSOL, li jlaħħqu b'kollox 1090, allura ben 70% tal-ħaddiema tal-MPTSOL huma membri tal-UĦM.*

b. *Illum, appuntu kontestwalment ma' dan ir-rikors, il-UĦM intavolat nota fir-Reġistru li permezz tagħha ċediet il-proċeduri msemmija quddiem it-Tribunal Industrijali 3294/FM (li tinsab differita sine die) stante it-tibdil fiċ-ċirkostanzi u l-mod ieħor kif ser tirregola ruħha, in kwantu illi l-pożizzjoni tagħha li tat lok għal dawk il-proċeduri, saret superfluwa, peress li t-talba tal-UĦM illum hija għall-ħaddiema kollha tal-MPTSOL u mhux tax-xufiera biss.*

c. *Illum, appuntu kontestwalment ma' dan ir-rikors, il-UĦM intavolat nota fl-atti ta' dawn l-odjerni proċeduri (Rik. Nru. 254/2015LM) (recte), sabiex din l-Onorabbli Qorti u l-partijiet kollha jkunu konsapevoli illi tali proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali 3294/FM ġew ċeduti u li l-UĦM m'għadx għandha aktar interess, la f'dawk il-proċeduri u lanqas fid-deċiżjoni in parte hemmhekk mogħtija fil-11 ta' Frar, 2015.*

d. *Illi rinfaċċjata b'dawn iċ-ċirkostanzi ġodda, il-UĦM talbet lis-soċjetà MPTSOL sabiex tivverifika l-pretensjoni tagħha illi għandha l-maġġoranza assoluta tal-ħaddiema kollha, iżda dan ma sarx in vista tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 247/15EG.*

e. *Illum, appuntu kontestwalment ma' dan ir-rikors, ingħata bidu għall-proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali fuq terms of remit kompletament differenti, ossia, sabiex il-UĦM tingħata rikonoxximent tal-ħaddiema kollha (u mhux tax-xufiera biss) tal-MPTSOL, wara illi jirriżulta illi l-UĦM għandha l-maġġoranza assoluta tal-ħaddiema kollha bħala membri tagħha, u dan wara li t-Tribunal Industrijali jordna illi jsiru l-verifiki kollha meħtieġa skont il-liġi u l-prassi industrijali.*

*Huwa għalhekk fil-kuntest ta' dawn iċ-ċirkostanzi ġodda, kif trid il-liġi ċċitata, illi dan il-Mandat ta' Inibizzjoni 247/2015EG ma hux, kollu jew parti minnu, raġjonevoli li jinżamm fis-seħħ u mhux aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.*

*Jekk din il-Qorti min-naħa l-oħra, jidhrilha opportun illi mhux f'loku illi l-Mandat 247/15EG jiġi revokat għal kollox, imma ċertament jeżistu l-elementi kollha sabiex din l-Onorabbli Qorti tirrevoka in parte.*

*Dan qed jingħad peress illi żgur u ċertament illi mhux aktar meħtieġ u ġustsifikabbli:*

a. *illi l-intimati jibqgħu inibiti milli jagħmlu "xi forma ta' verifika oħra", frasi li qed ixxekkel l-iżvilupp industrijali li qed iseħħ kif espress fiċ-ċirkostanzi ġodda hawn fuq imsemmija u inoltre qed ixekkel ukoll id-dritt ta' assoċjazzjoni tal-ħaddiema u wkoll l-obbligu fiduċjarju illi għandha illum il-UĦM illi tirrappreżenta tali ħaddiema,*

b. *mhux aktar meħtieġ u ġustifikabbli illi s-soċjetà intimata MPTSOL "tinżamm milli tagħti rikonoxximent trejdjunjonistiku sħiħ" lill-UĦM.*

*Fl-ewwel lok, huwa opportun illi l-Inibizzjoni jrid jitpoġġa fl-isfond taċ-ċirkostanzi preċedenti u mhux dawk attwali, inkluż illi kien hemm talba għal rikonoxximent parzjali (tax-xufiera) u li hemm deċiżjoni parzjali mogħtija mit-Tribunal Industrijali, li l-Qorti fid-digriet tagħha, rreferiet ampjament għaliha anke fid-decide tagħha. Ċertament illi dawn huma żewġ fatturi importanti fl-isfond tad-digriet li permezz tiegħu intlaqa' l-Inibizzjoni – żewġ fatturi però illi llum tilfu r-relevanza tagħhom u saru superfluwi.*

*Tant hu minnu, illi t-talbiet prinċipali kontenuti fl-ewwel u t-tieni talba tal-kawża odjerna, huma sabiex din l-Onorabbli Qorti "tħassar, tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali 2362 tal-11 ta' Frar, 2015 .....".*

*Jingħad ulterjorment, illi jekk il-Mandat ikun qed jinżamm u din l-Onorabbli Qorti ma tirrevokax, almenu in parte, allura l-effetti ta' tali digriet ċertament illi jkunu qed imorru lil hinn u ferm oltre minn dak illi kien, f'għajnejn il-Qorti, neċessarju u opportun, f'dawk iċ-ċirkostanzi partikolari li jiċċirkondaw id-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali li l-GWU qed tittenta li timpjunja.*

*Illi jekk jitħalla dan l-istat, il-UĦM umilment tħoss illi:*

- *a. ir-relazzjonijiet industrijali, li huma ħaġa ħajja u jinbidlu minn żmien għall-ieħor, ikunu qed jiġu fgati u ma jingħatawx l-opportunità illi jiżviluppaw f'sens demokratiku,*

- *b. ikun hemm ksur tal-provvedimenti tal-Kodiċi Ċivili dwar l-obbligi fiduċjarji in kwantu illi jirriżulta ċara illi l-GWU ma għadhiex tgawdi l-maġġoranza tal-ħaddiema imma tibqa' hi tirrappreżenta*

*lill-istess ħaddiema a detriment ta' min veru jirrappreżenta l-ħaddiema, u*

c. *dan ikun qed isir anke għad-detriment tad-dritt sagrosant ta' ħaddiem, dritt sanċit anke fil-Kostituzzjoni tagħna, li jissieħeb f'union tal-għażla tiegħu, hi liema hi, u li permezz tagħha jressaq ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu mal-Management.*

*Dan qed jingħad għax jekk l-effetti tal-Mandat ta' Inibizzjoni 247/2015EG ser jibqgħu hekk miftuħa u applikabbli anke fiċ-ċirkostanzi tal-lum, (anke jekk il-Qorti ċertament illi rabtet id-deċiżjoni tagħha mal-effetti tad-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali tal-11 ta' Frar, 2015), allura l-proċess demokratiku industrijali ikun qed jiġi mittiefes u mxekkel lil hinn mill-pretensjonijiet tal-Union rikorrenti kif mressqa b'dawn il-proċeduri.*

*Kwindi, huwa opportun illi l-Inibizzjoni msemmi jiġi revokat, almenu in parte, u jkun hemm ir-reviżjoni tad-digriet tal-4 ta' Marzu, 2015, fis-sens illi l-Inibizzjoni jibqa' viġenti biss fil-kuntest tad-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali tal-11 ta' Frar, 2015 sakemm it-talbiet kontenuti fir-Rikors Ġuramentat tal-GWU jiġu determinati, u b'hekk tiġi akkordata reviżjoni parzjali, sabiex il-ħajja industrijali tkun tista' tiżviluppa fil-kuntest taċ-ċirkostanzi ġodda hawn fuq imsemmija. U dan, mingħajr preġudizzju għall-ilmenti u t-talbiet illi l-GWU qegħda tressaq f'dawn l-odjerni proċeduri, b'dan illi l-kumpannija, minn jeddha jew b'ordni tat-Tribunal Industrijali, u wara li l-partijiet kollha, inkluż mill-GWU, tkun parteċipi f'dan il-proċess kif issa inizjalat quddiem it-Tribunal Industrijali, iżżomm il-verifika jew addirittura jinżamm il-ballot fuq il-ħaddiema kollha tal-MPTSOL.*

*Illi għalhekk, fl-umli fehma tal-UĦM, jissussistu l-elementi kollha tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u din l-Onorabbli Qorti għandha tirrevoka d-digriet tal-4 ta' Marzu, 2015 in toto, fin-nuqqas in parte, billi:*

- *tirrevoka dik il-parti tad-digriet illi tinibixxi "jew xi forma ta' verifika oħra", u*

- *tirrevoka ukoll dik il-parti tad-digriet illi tinibixxi lis-soċjetà MPTSOL "milli tagħti rikonoxximent trejdjunjonistiku sħiħ",*

*stante illi fil-preżent qed jiġu maħnuqa l-iżviluppi kollha industrijali li jistgħu jseħħu minn żmien għal żmien, u mhux dawk biss limitati għad-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali tal-11 ta' Frar 2015.*

*Għaldaqstant, tenut kont ta' dan kollu, il-Union esponenta titlob bir-rispett illi taħt dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet kollha li din il-Qorti jidrilha xierqa u opportuni, din l-istess Onorabbli Qorti mingħajr dewmien minħabba preġudizzju illi qiegħda ssofri intortament il-Union esponenta u partikolarment il-ħaddiema tal-MPTSOL għandha tirrevoka, in toto jew in parte il-Mandat ta' Inibizzjoni 247/15EG u dan ai termini tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12 għar-raġunijiet hawn fuq indikati.*

Rat ir-risposta tas-soċjetà intimata **Malta Public Transport Services (Operations) Limited** (minn issa 'il quddiem "l-MPTSOL") li ġiet ippreżentata fit-23 ta' Ottubru, 2015, fejn għar-raġunijiet imfissra wieġbet *inter alia*:

*Illi f'dan l-istadju l-MPTSOL tissottometti li għar-raġunijiet segwenti hija ma topponix għat-talba tal-UĦM sabiex il-Mandat de quo jiġi revokat in toto jew in parte u għall-istess raġunijiet taderixxi mat-talba sabiex il-Mandat jiġi hekk revokat u dan ai termini tal-Artikolu 836(1)(f) stante li fiċ-ċirkostanzi mhuwiex raġjonevoli, meħtieġ jew ġustifikabbli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu:*

i. *fl-ewwel lok, fil-fehma tal-MPTSOL qatt ma kienet l-intenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li tinibixxi lill-MPTSOL b'dan il-mod tant wiegħsa – b'mod li ma tkunx tista' tibda proċess ta' verifika, ikun liema jkun, anke proċess li jkun trasparenti, ekwu u demokratiku fost il-ħaddiema kollha tal-kumpannija u bl-involviment tal-ħaddiema kollha – u għaldaqstant mhuwiex raġjonevoli illi l-Mandat jibqa' fis-seħħ b'dan il-mod;*

ii. *bl-istess mod, fil-fehma tal-MPTSOL qatt ma kienet l-intenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li tinibixxi lir-Reġistratur tat-Trade Unions b'dan il-mod tant wiegħsa - b'mod li hu ma jkunx jista' jibda jew ikompli proċess ta' verifika, ikun liema jkun, anke proċess li jkun trasparenti, ekwu u demokratiku fost il-ħaddiema kollha tal-kumpannija u bl-involviment tal-ħaddiema kollha tal-kumpannija jew xi forma oħra ta' verifika f'xi post tax-xogħol ieħor - u għaldaqstant mhuwiex raġjonevoli illi l-Mandat jibqa' fis-seħħ b'dan il-mod;*

iii. *fit-tieni lok, huwa paċifiku illi l-bidu tal-proċeduri kollha, inkluż dawk pendenti, skattaw riżultat tal-proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali Nru 3294/FM. Dawn il-proċeduri issa ġew terminati stante li l-UĦM irtirat il-pretensjonijiet tagħha u saħansitra t-Tribunal Industrijali, fil-15 ta' Ottubru, 2015 ma baqax jieħu*

*konjizzjoni tat-tilwima u ordna li tiġi kkanċellata minn fuq il-Lista tal-Kawżi.*

iv. *iż-żewġ unions iddikjaraw illi m'għandhomx interess li ssir verifika fost ix-xufiera biss u t-tnejn li huma jallegaw illi jgawdu sħubija tal-maġġoranza tal-ħaddiema kollha u għaldaqstant it-tnejn li huma jippretendu għarfien għall-iskopijiet ta' collective bargaining. Għaldaqstant għal din ir-raġuni wkoll mhuwiex raġjonevoli illi l-Mandat jibqa' fis-seħħ b'mod li ma jippermettix proċess ta' verifika għall-ħaddiema kollha;*

v. *fit-tielet lok, li ż-żewġ unions igawdu l-maġġoranza fost il-ħaddiema kollha hija impossibbiltà u għalhekk waħda miż-żewġ unions ma tgawdix il-maġġoranza, u jista' jkun ukoll li l-ebda waħda miż-żewġ unions ma tgawdi l-maġġoranza. Ħlief permezz ta' proċess ta' verifika li għandu jkun wieħed trasparenti u li jinvolvi l-partijiet kollha, il-partijiet ma jistgħu jkunu qatt ċerti dwar il-preferenza tal-maġġoranza tal-ħaddiema u dan għaliex l-informazzjoni li għandhom il-unions dwar il-membri tagħhom mhux neċessarjament tirrappreżenta dak li l-impjegat ikun dispost li jiddikjara jekk jintalab jiddikjara l-preferenza tiegħu, inkluż pereżempju għaliex impjegat jista' jissieħeb bħala membru f'żewġ unions fl-istess ħin, u saħansitra, minkejja li impjegat ikun membru f'union, huwa mhux neċessarjament ikun dispost jew interessat jeleġġi lil dik il-union partikolari biex tirrappreżentah;*

vi. *fir-raba' lok, l-MPTSOL tibqa' tikkontendi li kwalunkwe negozjati li hija kienet qed tagħmel mal-GWU bħala l-union rikonoxxuta minnha, kienu leġittimi u in buona fede. Dan qed jingħad stante illi sal-ġurnata tal-preżentata tal-aħħar rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ntavolat mill-UĦM (li permezz tiegħu l-kumpannija*

*ġiet inibita milli tkompli tinnegozja mal-GWU minħabba din il-kwistjoni ta' rikonoxximent trejdunjonistiku), l-MPTSOL qatt ma ngħatat informazzjoni jew prova almenu prima facie li l-UĦM setgħet kisbet sħubija tal-maġġoranza tal-ħaddiema jew li l-GWU tilfet il-maġġoranza u għaldaqstant ma kelliex raġuni tiddubita r-rikonoxximent li baqgħet tagħti. Iżda wara l-ħruġ tal-Mandat tal-UĦM jidher illi ċ-ċirkostanzi nbidlu b'mod sostanzjali tant illi l-MPTSOL hija rinfaċċjata b'informazzjoni konfliġġenti ferm dwar dak li l-ħaddiema (jew aħjar, il-maġġoranza tal-ħaddiema tagħha) jixtiequ u għaldaqstant hija disposta u riżoluta li toqtol darba għal dejjem il-kwistjoni dwar liema mill-unions għandha tkun rikonoxxuta u sabiex tkun ċerta illi n-negozjati huma verament leġittimi;*

vii. *issa li nbidlu ċ-ċirkostanzi b'dan il-mod, ċjoè issa li l-kumpannija hija rinfaċċjata b'sitwazzjoni fejn l-akbar żewġ unions f'Malta qegħdin jinsistu li skont l-informazzjoni tagħhom huma għandhom il-maġġoranza (ħaġa impossibbli) u t-tnejn li huma qed jippretendu rikonoxximent - l-MPTSOL inqabdet f'morsa bejn iż-żewġ unions minħabba din il-power struggle li għandhom fil-konfront ta' xulxin, tant li l-MPTSOL qed tiġi inibita milli tipproċedi bit-tibdil neċessarju li hija għandha bżonn tintroduċi f'dan il-mument delikat li tinsab fih, fejn min-naħa waħda għandha l-obbligu li tagħti servizz ta' trasport aħjar lill-pubbliku anke tramite l-Concession Agreement li hija għandha mal-Awtorità tat-Trasport ta' Malta, liema Concession Agreement jimmira għal tibdil fin-network u rotot eżistenti u li jeħtieġ għalhekk tibdil fl-operat tal-kumpannija, fis-sistemi tax-xogħol, rotot u ħinijiet u kwindi tibdil fil-kundizzjoni tax-xogħol tal-ħaddiema sabiex l-operat isir aħjar, iżjed effiċjenti, iżjed sostenibbli u saħansitra aktar vantaġġjuż għall-ħaddiema stess tal-kumpannija bi ftehim kollettiv ġdid;*

*viii. b'dawn l-intoppi l-MPTSOL mhux biss mhiex ser tkun tista' ttejjeb l-operat tagħha, iżda saħansitra qed tirriskja li ma tkunx tista' tonora l-obbligi legali jew kuntrattwali illi hija għandha ma' terzi tant illi tista' ssofri danni inġenti u kontinwi fosthom penali għad-dewmien li ċertament mhumiex meritati għaliex dawn iċ-ċirkostanzi huma barra mill-kontroll tal-MPTSOL u imposti fuqha mhux minħabba xi ħaġa li għamlet hi jew minħabba l-għażliet tagħha iżda minħabba din il-pika infantili bejn iż-żewġ unions, liema pika sfortunatament għal Malta, ma teżistix biss fil-kuntest tal-MPTSOL, iżda anki f'postijiet tax-xogħol oħrajn fejn hemm prinċipali oħrajn fl-istess sitwazzjoni ta' limbu, bil-ħaddiema vittmi tal-aġir irresponsabbli tal-unions li suppost jirrappreżentawhom;*

*ix. l-MPTSOL tinsab f'punt fejn il-ftehim kollettiv eżistenti ser jiskadi fl-aħħar tas-sena, iżda apparti minnhekk għandha bżonn tagħmel tibdil fil-kundizzjonijiet eżistenti u barraminhekk tixtieq tagħmel tibdil mhux biss għaliex huwa neċessarju, iżda għaliex huwa ta' benefiċċju għall-impjegati stess. L-MPTSOL hija ben infurmata li ħafna mill-ħaddiema jixtiequ li jidħol fis-seħħ ħafna mit-tibdil propost mill-kumpannija u dan għaliex ser iwassal għal titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-impjegati, iżda dan ma jistax iseħħ għaliex minħabba din id-disputa bejn il-unions, il-kumpannija qed tiġi inibita milli tagħlaq in-negozjati, b'theddid kontinwu li ser issofri iktar tilwim industrijali, inkluż strikes, b'theddid ukoll illi jekk tiffirma ftehim ġdid, dan mhux ser jiġi rikonoxxut għaliex il-union li ser tiffirma m'għandhiex (allegatament) il-maġġoranza;*

*x. dawn iċ-ċirkostanzi mhux biss qed joħolqu problemi għall-MPTSOL, iżda qed joħolqu piki inutili bejn il-ħaddiema stess fuq il-post tax-xogħol li sfortunatament huma wkoll qed jisfaw vittmi ta'*

*din il-power struggle bejn il-unions, u dan għaliex il-ħaddiema huma rinfaċċjati b'ħafna wegħdiet foloz, tixwix kontra l-unions u d-diriġenti tagħhom, nofs veritajiet li ma jagħmlu ġid ta' xejn u lil ħadd u li joħonqu kwalunkwe tentattiv ta' negozjati, bil-unions jagħmlu talbiet eżorbitanti li jimlew l-irjus ta' xejn. Illi din hija sitwazzjoni li ħolqot konfużjoni u inċertezzi għall-ħaddiema, tant illi l-MPTSOL semgħet li ħafna ħaddiema huma inċerti dwar liema union għandha tirrappreżentahom, b'ħaddiema jsiru membri f'aktar minn union waħda, ħaddiema jirriżenjaw minn ma' union biex jerġgħu jissieħbu ftit wara, ħaddiema konfużi b'ordnijiet u direttivi mill-unions li ma jafux humiex fl-interess proprju tagħhom jew għall-interessi personali tal-union li tkun ħarġithom.*

xi. *Iċ-ċirkostanzi li fihom intalab il-ħruġ tal-ewwel mandat inbidlu u nbidlu b'mod li 'llum ma baqax raġjonevoli, ġustifikat jew neċessarju li l-Mandat jibqa' jinibixxi lill-MPTSOL milli tagħmel kwalunkwe forma ta' proċess ta' verifika skont it-termini tal-Mandat;*

xii. *bl-istess mod ma baqax raġjonevoli li f'każ li jsir il-proċess su riferit, l-MPTSOL tkun inibita milli tirrikonoxxi lill-union li tgawdi s-sħubija tal-maġġoranza, inkluż jekk ikun il-każ, il-UĦM, basta li r-riżultat ikun ġie deċiż wara proċess trasparenti u demokratiku li jinkludi l-partijiet kollha;*

xiii. *Għal kull buon fini l-MPTSOL terġa' tiddikjara li hija disposta u riżoluta illi jekk din il-Qorti tilqa' t-talbiet għar-revoka, hija ser tara li jseħħ proċess trasparenti u demokratiku li jinkludi l-partijiet kollha biex din il-kwistjoni tinqata' fl-iqsar żmien possibbli sabiex ikunu jistgħu jitkomplew it-taħdidiet u n-negozjati mal-union li*

*tgawdi sħubija tal-maġġoranza u li b'hekk tkun rikonoxxuta għall-iskopijiet ta' collective bargaining;*

*xiv. l-MPTSOL hija l-operatur tal-uniku servizz tat-trasport pubbliku nazzjonali tal-passiġġieri ġewwa Malta, servizz tal-linja skedat li huwa rikonoxxut bħala ta' interess ekonomiku ġenerali għall-pubbliku, regolat permezz ta' Concession Agreement mal-Awtorità tat-Trasport, settur speċifiku, delikat u tant bżonnjuż għall-ekonomija ta' Malta, tant li huwa regolat b'liġijiet speċifiċi, saħansitra soġġett għal obbligi ta' "minimum services" stabbiliti permezz tal-Att dwar l-Impjiegi (Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta) u għalhekk interruzzjonijiet kontinwi u bla bżonn mhux biss huma ta' ħsara għall-kumpannija, iżda wkoll huma ta' ħsara għall-impjegati tal-kumpannija, għall-klijenti passiġġieri tagħha, għall-pubbliku in ġenerali, u saħansitra ta' ħsara għall-pjanijiet tal-Gvern u l-Awtorità tat-Trasport;*

*xv. Huwa proprju f'dan il-kuntest illi wieħed għandu jikkunsidra jekk humiex raġjonevoli jew ġustifikati mandati ta' dan it-tip kontra l-MPTSOL li ġja ħliet xhur twal tinnegozja mal-GWU, li jista' jkun kien kollu għalxejn, apparti li sofriet ukoll azzjonijiet industrijali.*

Rat ir-Risposta tal-intimat **Reġistratur tat-Trade Unions** (minn issa 'il quddiem "ir-Reġistratur") ippreżentata fit-23 ta' Ottubru, 2015 fejn għar-raġunijiet imfissra wieġeb *inter alia:*

*Fir-rikors qed jingħad illi l-UĦM ċediet il-proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali 3294/FM, liema proċeduri kienu jikkostitwixxu l-bażi tat-*

*talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fis-sens illi kien f'dawk il-proċeduri li t-Tribunal Industrijali kien iddetermina li d-drivers tas-soċjetà intimata jiffurmaw a separate bargaining unit u li għandhom dritt li jkunu rikonoxxuti u li per konsegwenza l-esponenti kien ġie ordnat mit-Tribunal Industrijali sabiex jagħmel proċess ta' verifika.*

*Illi tali fatt jikkostitwixxi ċirkostanza li timmerita li tiġi kkunsidrata ai termini tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress li l-proċeduri li minnhom ħarġet l-ordni tal-11 ta' Frar, 2015 mit-Tribunal Industrijali sabiex l-esponenti jibda l-proċess ta' verifika ġew ċeduti.*

*Illi l-esponenti jissottometti li huwa l-impjegat li għandu l-jedd li jkun imsieħeb fi trade union jew li ma jkunx. Hija tali sħubija li tagħti dritt lil union b'maġġoranza ta' ħaddiema li tirrappreżenta lill-ħaddiema kollha b'mod kollettiv u tali tgawdija ta' fiduċja fil-union tista' tinbidel minn żmien għal żmien.*

Rat ir-Risposta tal-intimata **General Workers Union** (minn issa 'il quddiem "il-GWU") ippreżentata fis-26 ta' Ottubru, 2015 fejn għar-raġunijiet imfissra wieġbet *inter alia:*

1. *F'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talba għar-revoka tal-Mandat (kemm fl-intier tiegħu kif ukoll parzjalment), allura l-GWU ser tiġi preġudikata b'mod irrimedjabbli għaliex il-lanjanza tagħha prinċipali u l-mertu li fuqha l-kawża fl-ismijiet premessi hija bbażata ser ikun eżawrit fis-sens li mhux ser ikun hemm rimedju prattiku għaliha anke f'każ li l-istess GWU jirnexxielha tikkonvinċi*

*lil din l-Onorabbli Qorti sal-grad rikjest mil-liġi u t-talbiet tagħha (tal-kawża) jiġu milqugħha. Dan qiegħed jingħad għaliex il-mandat odjern ġie intavolat wara li l-GWU tħalliet barra bl-aktar mod assolut fil-proċeduri ta' quddiem it-Tribunal Industrijali (li wassal sabiex id-drittijiet tal-GWU jiġu leżi) u huwa proprju tali deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali u l-metodu ta' verifika hekk kif kien ordnat mill-istess Tribunal Industrijali li qed jiġi kkontestat permezz tal-kawża odjerna. Jekk il-Mandat jiġi revokat, anke jekk parzjalment, ser ikun intilef b'mod irrimedjabbli r-rimedju li fil-prattika l-GWU qed titlob quddiem din l-Onorabbli Qorti. Il-UĦM tista' targumenta li issa l-partijiet kollha huma parteċipi fil-kawża u kollha huma miżmumin permezz tal-mandat odjern u allura tista' tgħid li issa m'hemm ebda problema dwar il-proċess ta' verifika, però dan hu l-punt kollu – id-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali (u li fuqha hu bbażat il-mandat odjern) ma jinkludix lil GWU u din l-Onorabbli Qorti għadha trid tiddeċiedi jekk tali fatt kienx leżiv għad-drittijiet tal-istess GWU (kif qiegħda tikkontendi l-istess GWU). Jekk il-verifika ser issir waqt li għadha għaddejja l-kawża, allura ser ikun intilef l-iskop kollu tal-mertu tal-kawża odjerna bir-riżultat li l-GWU mhux ser ikollha rimedju għall-fatt li d-drittijiet tagħha ġew leżi;*

2. *Il-Mandat għandu jibqa' fis-seħħ anke abbażi tal-fatt li r-Reġistratur tat-Trade Unions huwa wieħed mill-partijiet fil-kawża odjerna (u ċioè wieħed mill-intimati) b'dan li l-istess GWU qiegħda wkoll tikkontesta l-proċess ta' rikonoxximent u dan indipendentement mit-tilwima mal-UĦM. F'dan il-kuntest il-GWU tagħmel referenza għat-talba tagħha fejn qed titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*"Tiddikjara li l-proċess ta' sħubija trejdunjonistika adoperat mir-Reġistratur tat-Trade Unions huwa ultra vires, abbużiv u leżiv għad-drittijiet tal-union rikorrenti".*

*Dan allura jfisser li l-kwistjoni ma ddurx sempliċement fuq verifika ta' numri (kif qed tipprova targumenta l-UĦM) iżda tmur oltre għaliex hemm kwistjonijiet ta' natura legali marbuta mal-istess proċess. F'dan il-kuntest kollu, jekk l-Onorabbli Qorti tilqa' (anke in parte r-rikors revoka) allura l-GWU ser tiġi ppreġudikata irrimedjabbilment għaliex anke fil-konfront tar-Reġistratur tat-Trade Unions mhux ser ikollha rimedju prattiku f'każ li t-talbiet tagħha fil-kawża odjerna jiġu milqugħa. Għalhekk pendenti l-proċeduri tal-kawża fl-ismijiet premessi, jkun prematur wisq li l-mandat jiġi revokat b'dan li l-istess deċiżjoni ser tpoġġi lilll-GWU f'sitwazzjoni fejn mhux ser tkun tista' tieħu rimedju effettiv f'każ li t-talbiet tagħha jiġu milqugħa. Dan hu l-preġudizzju li ser issofri l-GWU f'każ li tali rikors jiġi milqugħ (anki jekk in parte);*

4. *Il-UĦM targumenta li issa hemm ċirkostanzi ġodda li jagħtu lok sabiex il-mandat odjern jiġi revokat in toto jew in parte għaliex tallega li għandha l-maġġoranza tal-ħaddiema kollha impjegati mas-soċjetà MPTSOL bħala membri tagħha, iżda jrid jingħad li l-Mandat ma ġiex milqugħ sempliċement għaliex dak iż-żmien il-GWU (kif għadha sal-lum) tgawdi l-maġġoranza tal-ħaddiema kollha tal-MPTSOL, imma għaliex id-drittijiet tal-istess GWU ġew leżi u din l-Onorabbli Qorti kif diversament ippresjeduta rat u rikonoxxiet tali fatt. Min fil-verità għandu l-maġġoranza assoluta tal-ħaddiema (li l-GWU tibqa' tisħaq li hija hi) mhuwiex il-mertu tal-istess mandat kif qed tipprova ddawwarha l-UĦM. Il-mertu tal-mandat odjern imur oltre minn hekk għaliex hu bbażat fuq il-proċess kollu ta' verifika kif ordnat mit-Tribunal Industrijali – liema*

*deċiżjoni għadha qed tiġi attakkata mill-GWU permezz tal-kawża odjerna fl-ismijiet premessi. Dan mhux sempliċi eżerċizzju ta' min għandu l-aktar membri issa, iżda kwistjoni li d-drittijiet tal-GWU ġew leżi abbażi tad-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali u kien proprju f'dan l-isfond kollu li ntalab b'suċċess il-mandat odjern. Li kieku l-kwistjoni kienet iddur biss fuq il-kwistjoni ta' numri (kif qed tipprova tgħid issa l-UĦM) allura l-kwistjoni probabbli ma kienitx teskala bil-mod kif skalat – imma peress li d-drittijiet tal-GWU ġew leżi allura l-mandat odjern għandu jibqa' in vigore sakemm l-istess GWU tipprova l-każ tagħha u turi fattwalment it-talbiet tagħha;*

5. *Il-fatt li l-UĦM issa rtirat il-proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali 3294/FM jkompli jsaħħaħ l-argument kollu tal-GWU u ċioè li l-istess GWU kellha raġun dak iż-żmien li talbet il-mandat odjern u sussegwentement ġiet intavolata l-kawża odjerna li tikkontendi li tali proċeduri kienu leżivi għad-drittijiet tagħha. Tant hu hekk li l-istess UĦM issa m'għadhiex tinsisti fuqhom. L-argument tagħha huwa allegat ta' bdil ta' ċirkostanzi però dak li trid tiddeċiedi din l-Onorabbli Qorti mhuwiex jekk hemmx verament bdil ta' ċirkostanzi imma jekk id-drittijiet tal-GWU ġewx leżi permezz tal-istess proċeduri u d-deċiżjoni tal-istess Tribunal Industrijali li wasslu għall-mandat odjern u l-kawża fl-ismijiet premessi. Dak kollu li ġara wara jew li jista' jseħħ 'il quddiem ċertament mhux il-mertu tal-istess mandat jew il-kawża odjerna u dan hu l-punt kruċjali li tixtieq tressaq il-GWU. Dan qiegħed jingħad għaliex kwalunkwe ħaġa li setgħet ġrat wara l-istess deċiżjoni, jibqa' l-fatt li d-drittijiet tal-GWU ġew leżi u din l-Onorabbli Qorti għadha trid tippronunzja ruħha dwarhom;*

6. *Il-UĦM hija verament sfaċċata meta tiddikjara li intavolat proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali fuq terms of remit bil-għan li jingħata rikonoxximent tal-ħaddiema kollha tal-MPTSOL wara li t-Tribunal Industrijali jordna li jsiru l-verifiki kollha meħtieġa meta l-istess UĦM hija inibita milli tagħmel xi forma ta' proċess ta' verifikazzjoni (għall-anqas sal-lum). Huwa inkonċepibbli li l-istess UĦM tintavola proċedura b'dan il-għan meta hi konsapevoli tal-mandat odjern. Dan juri kemm l-istess UĦM la għandha rispett lejn l-ordni ta' din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta u kemm l-istess UĦM qed tipprova tinjora l-istess mandat bi ksur sfaċċat tiegħu.*

Rat l-atti kollha tar-Rikors.

Semgħet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-Rikors.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Ottubru, 2015 fejn l-avukati difensuri tar-rikorrenti UĦM iddikjaraw li l-patroċinata tagħhom tkun disposta li tmur għal *secret ballot* organizzata mill-kumpannija bl-għajnuna u s-sorveljanza taż-żewġ unions u f'dan il-kuntest it-talba għal revoka in parte tista' wkoll tinqara billi d-digriet tal-4 ta' Marzu, 2015 jiġi meqjus li mhux qed jinkludi secret ballot taħt l-effetti tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Ottubru, 2015 fejn l-avukat difensur tas-soċjetà intimata MPTSOL ikkonferma illi l-kumpannija hija disposta, anzi tinterpella lill-partijiet kollha sabiex immedjatament isir il-proċess ta' verifika

bl-involviment tal-partijiet kollha b'*secret ballot* bl-istess mod kif sar ftit ġimgħat ilu fil-Freeport.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Ottubru, 2015 fejn l-avukat difensur tal-GWU filwaqt li rrefera għall-parametri tal-mandat ta' inibizzjoni kif milqugħ mill-Qorti kif diversament ippresjeduta, iddikjara li l-General Workers Union taċċetta li tali parametri jeskludu minn taħt l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni ż-żamma ta' *secret ballot* li tista' talvolta tkun ordnata in segwitu tal-proċeduri ġodda li ġew istitwiti mill-UĦM quddiem it-Tribunal Industrijali li għalihom saret referenza fir-rikors odjern. Min-naħa tagħhom l-avukati difensuri tal-UĦM opponew għal din il-kwalifika abbażi tal-fatt illi jekk ma tkunx impeduta (bil-Mandat), l-MPTSOL tista' ssejjaħ proċess ta' verifika meta trid għax finalment hi trid tagħti r-rikonoxximent u peress illi t-talba odjerna taħt l-Artikolu 836 tal-Kap. 12 mhijiex marbuta mal-proċeduri ġodda inizjati quddiem it-Tribunal Industrijali.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Ottubru, 2015 fejn ir-Rikors ġie mħolli għal digriet kamerali.

**Ikkunsidrat:**

F'dawn il-proċeduri, ir-rikorrenti UĦM qiegħda titlob ir-revoka *in toto* jew *in parte* tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 247/2015EG (minn issa 'il quddiem il-Mandat) ai termini tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ir-rikorrenti **Union Ħaddiema Maqgħudin** tikkontendi li minn dak iż-żmien li kien ġie milqugħ il-Mandat u ġiet intavolata l-kawża dwar il-mertu, seħħew żviluppi u kien hemm tibdil sostanzjali fiċ-ċirkostanzi, fis-sens li l-maġġoranza assoluta (aktar minn 70%) tal-impjegati tal-MTPSOL, skont hi, illum huma msieħba magħha u allura l-UĦM għandha dritt tkun rikonoxxuta u tingħata għarfien bħala t-*trade union* li tirrappreżenta lill-maġġoranza assoluta tal-ħaddiema tal-MPTSOL għall-iskopijiet ta' *collective bargaining*. Il-UĦM qiegħda titlob li ssir verifika ta' dan, li tista' ssir anki permezz ta' *secret ballot* organizzata mill-MPTSOL bl-involviment taż-żewġ unions. U biex dan ikun jista' jseħħ, l-MPTSOL qiegħda titlob li jkun hemm reviżjoni tad-digriet tal-4 ta' Marzu, 2015, fis-sens illi l-Mandat ta' Inibizzjoni jibqa' viġenti biss fil-kuntest tad-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali tal-11 ta' Frar, 2015 sakemm it-talbiet kontenuti fir-Rikors Ġuramentat tal-GWU (Rikors Maħluf Nru. 254/15LM) jiġu determinati.

Min-naħa tagħha **l-MPTSOL** ma opponietx għat-talba tal-UĦM sabiex il-Mandat jiġi revokat *in toto* jew *in parte* u għall-istess raġunijiet taderixxi mat-talba sabiex il-Mandat jiġi hekk revokat u dan ai termini tal-Artikolu 836(1)(f)

tal-Kap. 12 stante li fiċ-ċirkostanzi mhuwiex raġjonevoli, meħtieġ jew ġustifikabbli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu. L-MPTSOL iddikjarat li hija disposta u riżoluta illi jekk din il-Qorti tilqa' t-talbiet għar-revoka, hija ser tara li jseħħ proċess trasparenti u demokratiku permezz ta' *secret ballot* li jinkludi l-partijiet kollha biex din il-kwistjoni tinqata' fl-iqsar żmien possibbli sabiex ikunu jistgħu jitkomplew it-taħdidiet u n-negozjati mal-union li tgawdi sħubija tal-maġġoranza u li b'hekk tkun rikonoxxuta għall-iskopijiet ta' *collective bargaining*.

Min-naħa tiegħu **ir-Reġistratur tat-Trade Unions** isostni li l-fatt li l-proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali (3294/FM) ġew ċeduti mill-UĦM (ara l-verbal tat-Tribunal Industrijali tal-15 ta' Ottubru, 2015 a fol. 53 tal-proċess), jikkostitwixxi ċirkostanza li timmerita li tiġi kkunsidrata ai termini tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress li l-proċeduri li minnhom ħarġet l-ordni tal-11 ta' Frar, 2015 mit-Tribunal Industrijali sabiex ir-Reġistratur jibda l-proċess ta' verifika, ġew ċeduti.

Il-**General Workers Union** min-naħa tagħha tikkontendi illi jekk il-Qorti tilqa' t-talba għar-revoka tal-Mandat, allura l-GWU ser tiġi preġudikata b'mod irrimedjabbli għaliex il-lanjanza tagħha prinċipali u l-mertu li fuqha l-kawża fl-ismijiet premessi hija bbażata ser ikun eżawrit, fis-sens li mhux ser ikun hemm rimedju prattiku għaliha anke f'każ li t-talbiet tal-GWU (tal-kawża) jiġu milqugħin.

Madankollu waqt is-smigħ tar-Rikors, wara li ġie mitlub mill-Qorti jiddikjara jekk iż-żamma ta' *secret ballot* fost il-ħaddiema kollha tal-MPTSOL tistax tippreġudika irrimedjabbilment il-pretensjonijiet tal-GWU li għandhom jiġu determinati fil-kawża dwar il-mertu (Rikors Maħluf Nru. 254/15LM), l-avukat difensur tal-GWU iddikjara li l-General Workers Union taċċetta li l-parametri tal-Mandat ta' Inibizzjoni kif milqugħ minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta, jeskludu minn taħt l-effetti tal-Mandat iż-żamma ta' *secret ballot* li tista' talvolta tkun ordnata in segwitu tal-proċeduri ġodda li ġew istitwiti mill-UĦM quddiem it-Tribunal Industrijali li għalihom saret referenza fir-rikors odjern.

Fid-dawl ta' dak li ġie dikjarat mill-partijiet waqt is-smigħ tar-Rikors, din il-Qorti tikkonkludi li fil-prinċipju l-partijiet kollha jaqblu li ż-żamma ta' votazzjoni sigrieta *(secret ballot)* bil-għan li jiġu żblukkati l-vertenzi bejn il-partijiet dwar għarfien trejd-unjonistiku għar-rigward tal-impjegati kollha tal-MPTSOL, m'għandhiex tinqabad taħt l-effetti tal-Mandat. Madankollu l-GWU tikkwalifika dan il-qbil tagħha billi tgħid illi tali *secret ballot* għandu jkun ordnat mit-Tribunal Industrijali fil-kors tal-proċeduri l-ġodda istitwiti mill-UĦM quddiem l-istess Tribunal.

Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, indipendentement minn min tista' tiġi ordnata jew indetta tali votazzjoni sigrieta *(secret ballot)*, dak li jrid jiġi żgurat fl-ambitu ta' dawn il-proċeduri huwa biss li l-pretensjonijiet ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat ma jiġux preġudikati f'każ li l-Mandat jiġi mħassar għal kollox

jew f'parti minnu minn din il-Qorti. Fl-istess waqt irid jiġi żgurat li huwa u jsir dan ma jiġux milquta jew affettwati d-drittijiet ta' terzi aktar milli jkun strettament meħtieġ biex jiġu kkawtelati l-pretensjonijiet u d-drittijiet ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat.

L-analiżi li trid titwettaq minn din il-Qorti fl-ambitu tal-proċedura kkontemplata bl-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija waħda ta' verifika dwar jekk fiċ-ċirkostanzi huwiex raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli. Loġikament din id-dispożiżzjoni tal-liġi qiegħda tagħmel riferiment għaċ-ċirkostanzi tal-lum, ċioè iċ-ċirkostanzi ta' meta ġie ppreżentat ir-rikors fejn saret it-talba għar-revoka tal-att kawtelatorju jew ta' parti minnu. Din id-dispożizzjoni tal-liġi timplika li tibdil fiċ-ċirkostanzi li jseħħ wara li jkun ġie milqugħ il-Mandat, jista' jipprovdi bażi għal talba biex jiġi revokat il-Mandat jew parti minnu 'l għaliex mhuwiex raġonevoli li jinżamm fis-seħħ jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.

Fil-provvediment fl-ismijiet **Jamar Malta Limited (C45236) vs. Office Group Limited (C39197)**[1] din il-Qorti kif diversament ippresjeduta qalet hekk dwar l-Art. 836(1)(f) tal-Kap 12 :-

[1] Mogħti fl-10 ta' Awwissu, 2012 (JRM), fl-atti tar-rikors għat-tħassir tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru 609/2012 ippreżentat nhar l-4 ta' Mejju, 2012 fl-ismijiet: **Office Group Limited (C39197) vs. Jamar Malta Limited (C45236)**.

> *"Illi jingħad ukoll li id-dispożizzjoni tal-liġi taħt ezami timplika li, wara l-ħruġ tal-Mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ; ".*

Il-fatt li l-UĦM fil-15 ta' Ottubru, 2015 ċediet il-proċeduri (3294/FM) li kien hemm pendenti quddiem it-Tribunal Industrijali, proċeduri li minnhom kienet tħalliet għal kollox barra l-GWU, u fl-atti ta' liema proċeduri ngħataw deċiżjoni u digriet li wasslu għall-Mandat u għall-kawża dwar il-mertu, dan jista' jammonta għal tibdil fiċ-ċirkostanzi li jista' jservi bħala bażi biex tiġi milqugħa talba taħt l-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12.

Però din il-Qorti hija tal-fehma li m'għandhiex għalfejn tidħol fil-qofol ta' din il-kwistjoni li xi ftit jew wisq tista' tinċidi fuq il-kawża dwar il-mertu, ladarba l-partijiet waqt is-smigħ tar-Rikors qablu fil-prinċipju li l-kwistjoni tal-għarfien ta' liema *trade union* tgawdi l-isħubija tal-maġġoranza tal-impjegati tal-MPTSOL, tista' tiġi determinata permezz ta' votazzjoni sigrieta *(secret ballot).*

Din il-Qorti trid li f'dan il-punt tenfasizza u tissottolinea li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni f'kuntest ta' tilwima industrijali jew talba sussegwenti għat-tħassir għal kollox tal-istess Mandat ta' Inibizzjoni jew ta' parti minnu, tippreżenta sitwazzjoni ferm aktar kumplessa u problematika mill-kuntest li fih normalment jintalab il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex jiġu kkawtelati l-pretensjonijiet ta' kreditur kontra d-debitur tiegħu.

F'kuntest ta' konflittwalità u lottizzazzjoni ħarxa għall-għarfien bejn żewg unions ewlenin f'post ta' xogħol li jipprovdi impjieg lil għadd kbir ta' ħaddiema, filwaqt li jridu jitħarsu d-drittijiet tat-*trade unions* għal dawk li huma drittijiet ta' rappreżentanza għall-finijiet ta' *collective bargaining*, l-ikkawtelar tad-drittijiet u l-pretensjoniiet tat-*trade unions* permezz ta' mandati kawtelatorji m'għandux mill-banda l-oħra jippreġudika d-drittijiet ta' terzi u tal-pubbliku in ġenerali lil hinn minn dak li hu assolutament meħtieġ biex ma jiġux ippreġudikati u l-pretensjonijiet u l-jeddijiet ta' min jitlob il-ħruġ tal-Mandat.

L-iskop ta' mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.[2] Il-Qorti f'dawn il-proċeduri trid tiżgura li jintlaħaq bilanċ ġust bejn dak li huwa assolutament meħtieġ biex jiġu kkawtelati u salvagwardjati l-pretensjonijiet ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat u l-ħarsien ta' jeddijiet ta' terzi li m'għandhomx ikunu affettwati jew ippreġudikati bla bżonn, liema bżonn għandu jkun iddettat biss minn dak li huwa assolutament neċessarju biex jiġu kkawtelati l-pretensjonijiet tal-persuna li tkun talbet il-ħruġ tal-Mandat.

Fil-proċess ta' verifika li trid issir mill-Qorti fl-ambitu ta' din il-proċedura, jeħtieġ li jiġi identifikat (i) liema eżattament huma l-pretensjonijiet tal-GWU li ġew ikkawtelati bil-Mandat pendenti l-eżitu tal-kawża dwar il-mertu, u (ii) xi

[2] Ara Artikolu 873(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

preġudizzju tista' ssofri l-GWU fl-ikkawtelar tal-pretensjonijiet tagħha jekk tiġi milqugħa t-talba a tenur tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12 sabiex il-Mandat jiġi mħassar fit-totalità tiegħu jew jiġi varjat f'parti minnu.

Tqis illi l-pretensjonijiet tal-GWU li ġew issalvagwardjati kawtelattivament permezz tal-Mandat pendenti l-eżitu tal-kawża dwar il-mertu, huma dawk li oriġinaw mis-sitwazzjoni li żviluppat fil-Każ Nru. 3294/FM (i) minħabba d-deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Industrijali (Nru 2362) meta dan iddeċieda fil-11 ta' Frar, 2015 mingħajr ma kienet imsejjħa f'dawk il-proċeduri il-GWU, li x-xufiera impjegati tal-MPTSOL jiffurmaw *a separate bargaining unit* u li għaldaqstant għandhom dritt illi jkunu hekk rikonoxxuti, u (ii) minħabba d-digriet tal-istess Tribunal Industrijali mogħti fl-atti tal-istess Każ Nru. 3294/FM fejn ġie inkarigat ir-Reġistratur tat-Trade Unions biex jivverifika permezz ta' eżami bir-reqqa tar-records tal-MPTSOL, kif ukoll tar-records tal-UĦM biex jiddetermina n-numru ta' xufiera impjegati mal-MPTSOL kif ukoll kemm minn dawn ix-xufiera huma membri tal-UĦM, u jirrapporta fil-25 ta' Frar, 2015 lit-Tribunal ir-riżultat tal-verifika tiegħu.

Tqis illi l-GWU permezz tat-talba tagħha għall-ħruġ tal-Mandat u anki permezz tal-kawża dwar il-mertu, qiegħda tallega li d-drittijiet tagħha ġew leżi meta t-Tribunal Industrijali ta d-deċiżjoni preliminari u d-digriet tiegħu su riferiti mingħajr ma l-GWU ġiet imsejħa biex tkun parti f'dawn il-proċeduri meta din kellha l-għarfien tal-MPTSOL bħala l-union li kellha l-maġġoranza tal-isħubija tal-impjegati tal-MPTSOL. Baraminnhekk il-GWU ssostni li d-drittijiet tagħha

ġew leżi wkoll bl-imsemmija digriet tat-Tribunal Industrijali fejn dan ordna li l-verifika ta' kemm mix-xufiera tal-MPTSOL huma membri tal-UĦM issir mir-Reġistratur tat-Trade Unions, meta l-GWU m'għandhiex fiduċja fl-imparzjalità tal-uffiċċju tar-Reġistratur peress li skont hi, ħafna mill-impjegati f'dan l-uffiċċju huma msieħba fil-UĦM u huma magħrufin għall-attiviżmu tagħhom f'dik il-union u minħabba f'hekk ma jistax jiġi assigurat li l-imsemmi proċess ta' verifika jkun wieħed trasparenti u attendibbli.

Tqis illi konsegwenza tad-digriet tal-4 ta' Marzu, 2015 ta' din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fejn ġiet milqugħa t-talba għall-ħruġ tal-Mandat, l-intimati Malta Public Transport Services (Operations) Limited, Union Ħaddiema Magħqudin u r-Reġistratur tat-Trade Unions inżammu milli:

> *"Jibdew eżerċizzju ta' verifika ta' records ta' sħubija trejdunjonistika ta' ħaddiema in segwitu ta' deċiżjoni u digriet mogħtija mit-Tribunal Industrijali nhar il-11 ta' Frar, 2015, jew xi forma ta' verifika oħra, stante illi tali proċedura hija leżiva għad-drittijiet tal-union rikorrenti u tippreġudikaha irrimedjabbilment, u inoltre,*
>
> *Iżomm lis-soċjetà intimata Malta Public Transport Services (Operations) Limited milli tagħti rikonoxximent trejdunjonistiku sħiħ jew parzjali lill-Union Ħaddiema Maqgħudin".*

Din il-Qorti tqis li sabiex jiġu kkawtelati l-pretensjonijiet tal-GWU kien suffiċjenti li l-intimati jiġu inibiti milli jibdew eżerċizzju ta' verifika ta' records ta' sħubija trejdunjonistika ta' ħaddiema in segwitu ta' deċiżjoni u digriet mogħtija mit-Tribunal Industrijali nhar il-11 ta' Frar, 2015 fejn kien deċiż illi x-

xufiera tal-MPTSOL jiffurmaw *a separate bargaining unit* u li għaldaqstant għandhom dritt illi jkunu hekk rikonoxxuti u li għandu jsir proċess ta' verifika mir-Reġistratur tat-Trade Unions tar-records tal-MPTSOL u tal-UĦM sabiex jiġi determinat kemm mix-xufiera tal-MPTSOL huma membri tal-UĦM.

Din il-Qorti tqis li ż-żamma ta' votazzjoni sigrieta *(secret ballot)* mill-MPTSOL fost l-impjegati kollha ta' din il-kumpannija, bil-parteċipazzjoni taż-żewġ unions f'dan l-eżerċizzju, bl-ebda mod ma tippreġudika l-pretensjonijiet tal-GWU kif dedotti fit-talbiet li saru minnha fil-kawża dwar il-mertu.

Tqis għalhekk illi hija mistħoqqa t-talba tal-UĦM sabiex id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament ippresjeduta tal-4 ta' Marzu, 2015 jiġi varjat u revokat in parti 'il għaliex fiċ-ċirkostanzi mhuwiex raġjonevoli, mhuwiex meħtieġ u mhux ġustifikabbli li jinżamm fis-seħħ il-Mandat f'parti minnu, fis-sens li l-Mandat ta' Inibizzjoni 247/15EG apparti li jibqa' jżomm milli jinbeda l-eżerċizzju ta' verifika ta' records ta' sħubija trejdunjonistika ta' ħaddiema in segwitu tad-deċiżjoni preliminari u tad-digriet mogħtija mit-Tribunal Industrijali nhar il-11 ta' Frar, 2015, m'għandux jibqa' miżmum taħt l-effetti tal-istess Mandat: (i) "xi forma ta' verifika oħra", b'mod partikolari ż-żamma ta' votazzjoni sigrieta *(secret ballot)* fost il-ħaddiema kollha tal-MPTSOL biex jiġi determinat liema miż-żewġ *trade unions* (il-GWU jew UĦM) igawdu l-isħubija tal-maġġoranza tal-impjegati kollha tal-MPTSOL; u (ii) li l-MPTSOL m'għandhiex tibqa' miżmuma milli tagħti għarfien għall-finijiet ta' *collective bargaining* lil dik it-*trade union* li b'riżultat tal-imsemmija votazzjoni sigrieta *(secret ballot)*

jirriżulta li tgawdi l-appoġġ tal-isħubija tal-maġġoranza tal-impjegati kollha tal-MPTSOL.

**Decide**

**Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi a tenur tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta tilqa' t-talba tal-Union Ħaddiema Magħqudin għar-revoka in parti tal-Mandat ta' Inibizzjoni 247/15EG, fis-sens illi l-parti dispożittiva ta' dan il-Mandat issa għandha taqra kif ġej:**

> **Tordna għalhekk l-Mandat ta' Inibizzjoni (247/15EG) għandu jibqa' fis-seħħ fil-konfront tal-intimati Malta Public Transport Services (Operations) Limited, Union Ħaddiema Maqgħudin u r-Reġistratur tat-Trade Unions sabiex jibqgħu jinżammu milli:**
>
> **(i) Jibdew eżerċizzju ta' verifika ta' records ta' sħubija trejdunjonistika tal-impjegati tal-Malta Public Transport Services (Operations) Limited in segwitu għad-deċiżjoni preliminari u tad-digriet mogħtija mit-Tribunal Industrijali nhar il-11 ta' Frar, 2015, stante illi tali proċedura tista' tkun leżiva għad-drittijiet tal-General Workers Union u tista' tippreġudikaha irrimedjabbilment;**

**(ii) barraminhekk iżomm lis-soċjetà intimata Malta Public Transport Services (Operations) Limited milli tagħti rikonoxximent parzjali lil xi *trade union* abbażi tal-imsemmija deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Industrijali li x-xufiera impjegati tal-Malta Public Transport Services (Operations) Limited setgħu jiffurmaw *collective bargaining unit* separat.**

**Din il-Qorti trid tippreċiża a skans ta' kull ekwivoku, li ż-żamma ta' votazzjoni sigrieta *(secret ballot)* mis-soċjetà Malta Public Transport Services (Operations) Limited fost l-impjegati kollha tagħha, f'liema eżerċizzju jingħataw il-fakultà li jipparteċipaw kemm il-General Workers Union u l-Unjoni Ħaddiema Maqgħudin u liema votazzjoni sigrieta *(secret ballot)* tista' twassal biex xi waħda minn dawn iż-żewġ *trade unions* tkun rikonoxxuta mill-Malta Public Transport Services (Operations) Limited bħala t-*trade union* li tgawdi l-isħubija tal-maġġoranza tal-impjegati kollha tagħha, bl-ebda mod m'hija miżmuma jew affettwata b'effett ta' dan il-Mandat ta' Inibizzjoni.**

**Il-Qorti tirriżerva li tipprovdi dwar il-kap tal-ispejjeż ta' din il-proċedura fis-sentenza dwar il-mertu.**

--------------------TMIEM---------------------